MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1237/2004

**Maruti Motors Limited**

**Vs**

**Mark Abela**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm412.40c (erba' mija u tnax-il lira Maltin u erbghin centezmu) rapprezentanti hames (5) kambjala li gew iffirmati mill-konvenut u li skadew fis-16 ta' Jannar 2004, fis-16 ta' Frar 2004, fis-16 ta' Marzu 2004, fis-16 t'April 2004 u fis-16 ta' Mejju 2004 izda baqa' ma thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi nterpellat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 12 ta' Mejju 2004 u tal-parir Lm15 (hmistax-il lira Maltin) kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull skadenza, u li huwa gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Novembru, 2004 meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------